30 ta' Ottubru, 1954

## Imħallef :
## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Carmelo Micallef**

**Pilastri**

*Il-pilastri li, f'numru kbir, wieħed jara f'diversi bliet u villaġġi hawn Malta, intiżi, anki fi żmienijiet antiki, biex jipproteġu l-ħajt estern ta' fond mill-ħsara li jistgħu jikkaġunawlu vejikoli, meta t-triq tkun dejqa jew id-dawra tkun bruska, jidħlu fil-manutenzjoni esterna tal-fond; u sid il-fond għandu d-dritt li jżomm pilastru simili fl-istat oriġinali tiegħu. Konsegwentement, jekk il-pilastru biż-żmien, jew għal xi raġuni oħra, jittiekel u jassottilja ruħu, sid il-fond jista' jirrestitwieh fl-istat pristinu bla ma jikser ebda liġi; u mhux ħati ta' kontravvenzjoni jekk isewwi dak il-pilastru bla permess tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Il-Qorti :— Rat l-imputazzjoni tal-Pulizija kontra l-imsemmi Micallef talli, f'dawn l-aħħar xhur, waħħal pilastru mal-bini numru 5 St. Mary Street, Attard, mingħajr il-permess tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ngombra t-triq bl-istess pilastru;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Lulju 1954, li sabet l-imputat ħati u kkundannato għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu ġimgħa żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kull jum f'każ ta' nuqqas;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-pilastru, ossija "bollard", li jifforma l-meritu ta' din il-kawża, huwa wieħed minn pilastri simili, li, f'numru kbir, wieħed jara f'diversi bliet u villaġġi hawn Malta, intiżi, anki fi żmienijiet antiki, biex jipproteġu l-ħajt estern ta' fond mill-

issara li jistgħu jikkaġunaw veikoli, meta t-triq tkun dejqa jew id-dawra tkun bruska. F'Hattard stess, fejn hemm il-fond imsemmi f'dina l-kawża, hemm diversi pilastri simili;

Dawn il-pilastri, milli jidher, kienu jinbnew bħala parti stess tal-fond, tant li aktarx ikunu, fil-parti retrostanti tagħhom, aderenti mal-ħajt estern tal-fond. Bħala tali, jidħlu fil-manutenzjoni esterna tal-fond, u indubbjament sid il-fond għandu d-dritt li jżomm dak il-pilastru fl-istat oriġinali tiegħu. Vwoldiri, jekk dan, biż-żmien, jew bil-kondizzjonijiet atmosferiċi, jew b'fatt tal-bniedem (kif ikun il-każ jekk xi inġenju tat-traffiku jaħbat miegħu), jittiekel u jassottilja ruħu, sid il-fond jista' bla ma jikser ebda liġi, jirreintegrah fl-istat pristinu, għax altrimenti jidħlu in konsiderazzjoni eżiġenzi oħra;

Fil-każ in ispeċje, milli jidher, id-dar inbniet mal-mitt sena ilu, u l-pilastru nbena magħha. Biż-żmien ittiekel, u l-appellant irriparah;

Il-pont hu jekk, meta rriparah, l-appellant awmentax il-ħxuna tal-pilastru;

L-appellant fix-xhieda tiegħu qal ......;

Għalhekk pjuttost jidher li l-appellant ma għamelx ħlief irrimetta l-pilastru fl-istat pristinu. Ċert, ebda prova in kuntrarju ma saret li l-appellant sewwa l-pilastru, u li dan, kif irsewwi, hu wiesgħa tmien pulzieri, mentri, qabel ma nħarġet iċ-ċitazzjoni, kien imissu ġie verifikat mid-dipartiment governattiv jekk kienx hemm provi disponibbli ntiżi biex juru li, qabel, il-ħxuna kienet anqas, u li l-imputat bit-tiswija żied fiha;

Għal dan il-motivi ddeċċediet billi laqgħet l-appell, irrevokat is-sentenza appellata, iddikjarat l-appellant mhux ħati, u ordnat li jiġi liberat.